**Għodu għodu**

Xi ħsibtni għodu għodu
Biex ġejt għalija bit-torċ,
Ħsibtni jewwilla xi ħalliel
Li jiġbor dak li jsib borġ?

Biex imbagħad kif ilesti
Arah ibiegħu wisq sfiq?
Dan lest li jagħmillek ħuk?
Ikun għalik wisq qarrieq?

Tħabbilx rasek u mur strieħ
Xejn ma ġara, hawn is-sliem,
Stenna ġej jum fis-Saltna
Kollu paċi mingħajr tmiem.

Għax b'hekk sabiħa l-ħajja
Li aħna differenti,
U ħaġa li hi ħaġa
Għalina għandha lenti.

Immorru nistrieħu
Biex dak Alla tal-ħniena,
Jissokta jkabbar 'l qalbna
Fl-arti tal-kbira ndiema.

Quddiemna għandna sena
Rigal prezzjuż mill-Mulej,
Ejjew ngħixuha ħienja
Għax iż-żmien beda għaddej.

Filwaqt li ngħidlek: Bonġu!
Mur ħija, inġabar, strieħ,
U fis-sigħat li fadal
Orqdu l-lejl ħalli tifdieħ.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.